**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 156/2018**

**Mizzi Estates Limited (C-990)**

**vs**

**Nadia Rapinett (KI 282776M)**

**Illum, 24 ta' Lulju 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi s-socjeta' rikorrenti tikri lill-intimata Nadia Rapinett il-fond li jgib in-numru 97, Triq Sir Charles Cameron, il-Gzira, bil-kera ta' mitejn u tlett Euro u hdax-il centezmu (€203.11) fis-sena.

2. Illi l-intimata naqset li thallas il-kera li kellha taghti dwar numra ta' skadenzi li jissemmew fiz-zewg ittri ufficcjali

interpellatorji li ntbaghtu lilha, li jgibu d-dati 16 ta' Frar, 2016 u 2 ta' April, 2018, u li gew debitament notifikati. Vera kopji taghhom jinsabu hawn annessi u mmarkati "MEL 1", "MEL 1AA" u "MEL 2".

3. Illi is-somma ta' elf u wiehed u sittin Euro u sebgha u disghin centezmu (€1,061.97), li tissemma fl-ewwel ittra ufficcjali mmarkata "MEL 1" tirraprezenta li skadenzi ta' kera dovuti mill-intimata skond li skeda hawn annessa u mmarkata "MEL 1A".

4. Illi is-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€1,665.77) li tissemma fit-tieni ittra ufficjali mmarkata "MEL 2" tirraprezenta li skadenzi ta' kera dovuti mill-intimati skond li skeda hawn annessa u mmarkata "MEL 2A".

5. Illi safejn jaf l-esponenti l-intimata m' ghadhiex difiza x' taghti kontra t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

6. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premess, is-socjeta' esponenti qeghda titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvediment opportuni, joghgbu:

1. Jiddeciedi it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligiijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi l-intimata hija moruza fil-hlas tal-kera ta' zewg skadenzi ta' kera jew aktar u dan bi ksur tal-artikolu 9(a) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Jawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tirriprendi l-pussess tal-fond 97, Triq Sir Charles Cameron, il-Gzira u konsegwentement jordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju iffissat minn dan il-Bord, tohrog u tivvaka minn dan il-fond.

Bl-ispejjez u bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra talvolta spettanti lis-socjeta' rikorrenti, inkluz dawk ghall-hlas tal-kera dovuta u, jekk ikun il-kaz ghad-danni."

Ra illi l-intimata minkejja li debitament notifikata kif jirrizulta a folio 34 sa 73 tal-process u a folio 77 sa 91 tal-process, ma pprezentat l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob li dan il-Bord (i) jaqta' u jiddeciedi dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 16(A) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, u (ii) jiddikjara li l-intimata hija moruza fil-hlas tal-kera ghal zewg skadenzi jew aktar u (iii) jawtorizza r-ripreza tal-fond u jordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju tizgombra mill-imsemmi fond. Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Illi l-intimata minkejja li debitament notifikata baqghet kontumaci mhux biss ghax ma prezentat l-ebda risposta izda wkoll naqset milli tidher quddiem il-Bord biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi fis-seduta tal-lum stess 24 ta' Lulju 2019, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, Kevin Muscat, a folio 93 tal-process, ikkonferma bil-gurament it-talbiet tas-socjeta rikorrenti, li l-intimata baqghet ma hallsitx il-kera, u illi minn meta giet prezentata l-kawza l-fatti baqghu l-istess kif dikjarati fir-rikors promotur.

Illi f'dik is-seduta s-socjeta' rikorrenti talbet sentenza stante illi dawn huma proceduri sommarji.

Illi stante nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimati t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghad-dispensa tas-smiegh timmerita li tigi milqugha u mill-provi prodotti t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien tletin jum mil-lum, bl-ispejjez kontra l-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur